# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


## Seduta numru 34 tas-7 Leġislatura
## L-Erbgħa 28 ta' Ottubru, 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 34 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar L-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Proġett tal-Miżura 313
5. Updates tal-proġetti ta' Wesgħat il-Ġublew
6. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci u il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Elisabeth Ebejer u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**1 Minuti**

Punti mill-minuti :

dwar punt 3.2 — Eman Vella informa li l-proġett dwar l-Arti u l-Arkeologija kien waqa', iżda minfloku il-Kunsill kien ser jidħol fi proġett dwar l-immanniġġjar kostali (INTO-HERIT).

dwar punt 4 — Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kiener ser tinħareġ is-sejħa għall-offerti segwenti :

- **TENDER MGR 2015/08**

Installazzjoni ta' Turf Artifiċjali fil-Post ta' Rikreazjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr

- **TENDER MGR 2015/09**

Servizz ta' Ko-Ordinatur tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropeja

- **KWOTAZZJONI 2015/K03**

Manutenzjoni tal-aperturi tal-Injam fil-Librerija Pubblika

L-offerti ssiġġilati għall-dawn sejħiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sal-5:00pm tal-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2015, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr.

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet innuttata korrispondenza ta' Transport Malta dwar approvazzjoni ta Traffic Road Hump fi' Triq il-Vanilja. Il-Kunsill iddiskuta il-post fejn l-aħjar li ssir din il-hump.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lill-periti tal-EMDP sabiex jgħaddu il-pjanti u korrispondenza li kien hemm dwar il-ħajt tal-Ġnejna .

3.2 Is-Sindku ressaq inizzjattiva sabiex il-perit tal-Kunsill jagħmel rapport dwar il-ġebel li jaqa' fil-Ġnejna u kif din il-problema tista' tiġi solvuta.

3.3 Is-Sindku fakkar fil-laqgħa li hu u membri oħra tal-Kunsill kellu mal-Ministru Joe Mizzi xi ġimgħat qabel u nnota li ċertu proposti tal-Kunsill ġew fil-fatt attwati. Ta' dan il-Kunsill japprezza.

3.4 Eman Vella informa li min informazzjoni li kellu, il-Valley Management Unit kien ser inaddaf il-wied tal-Imselliet fil-ġimgħat li ġejjin. Dwar dan, ser issir laqgħa ta' preparazzjoni.

3.5 Is-Sindku u Mario Sammut taw rapport dwar iż-żjara li wettqu f' Lagosanto, fl-Italja u li hija il-lokalita' li magħha il-Kunsill qed jibni rapport li għandu jwassal għall-ftehim tal-ġemellaġġ. Flimkien maż-żewġ membri tal-Kunsill tela' wkoll il-konsulent Charles

Camilleri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ispejjeż tas-Sur Camilleri għall-ivvjaġġar jiġu koperti mill-Kunsill.

3.6 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat minn kumpanija Taljana sabiex jiġu installati magni li tirriċikla il-kontenituri tal-plastik. Il-Kunsill ra b' mod favorevoli din il-proposta u ser ikun qed jara x' jista' jsir dwar dan il-proġett.

3.7 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn ta' intervent peress li parti mit-triq u l-bankina ta' ħdejn it-toilets ta' taħt iz-zuntier kienu sfrondaw. Il-kunsill talab stima tax-xogħol lil Tony Aquilina li kien diġa' ħadem fuq l-istess post fil-passat.

3.8 Eman Vella informa dwar il-mixtla f' Tal-Facciol u informa li l-Institute of Earth Science tal-Universita' ta' Malta kienu daħlu bħala sħab f' dan il-proġett. Semma' wkoll li kien qed isir PDS (Project Description Statement) dwar dan il-proġett.

3.9 Is-Sindku, f' isem il-Kunsill, esprima is-sogħba tal-Kunsill kollu għal-mewt tas-Sur Hugh Arnett, li għall-aħħar snin serva bħala konsultent tat-traffiku lil Kunsill. Il-Kunsill esprima il-kondoljanzi mal-familjari tas-sur Arnett.

**4. Proġett tal-Miżura 313**

4.1 Eman Vella informa dwar l-aħħar dettalji tal-proġett marbut mal-Miżura 313. Qal li il-proġett kien miexi u li kien infurmat li kien ser isir awditjar dwar dan il-proġett mill-Paying Agency fil-jiem li ġejjin.

4.2 Eman Vella informa wkoll li hu maħsub li dan il-proġett jiġi konkluż lejn l-aħħar ta' Novembru 2015.

**5. Updates tal-proġetti ta' Wesgħat il-Ġublew**

5.1 L-aħħar żvilluppi dwar dan il-proġett kienu jikkonsistu fil-ħruġ ta' tender ġdid għall-wiċċ tat-turf fil-grawnd (imsemmi aktar 'il fuq).

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien qiegħed jiġbor l-invoices u l-ir1evuti kollha marbutin mal-proġett biex jgħaddihom lill-MEPA biex jitħallas it-tieni parti tal-proġett skond il-ftehim tal-UIF Funding.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta u kkonferma li id-data għall-ftuħ tal-eżibizzjoni tal-Milied tiġi organnizzata fl-4 ta' Diċembru 2015.

6.2 Clayton Gauci informa li kienu kellmuh uffiċċjali tal-iskejjel San Anton u San Andrea biex jitolbu lil Kunsill jara jekk jista' jintervjeni dwar il-problemi tat-traffiku fl-Imselliet.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

6.3 Clayton Gauci semma li kienet teżisti problema ta' parkeġġ fi' Triq Skorba minħabba linji tal-parking. Is-Sindku għandu jmur jara x' jista' jsir.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:40pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2015.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku